MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 31/2008/1

**H. Vassallo & Sons Limited (C 3847)**

**v.**

**Avukat Generali, l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma u l-Korporazzjoni Enemalta ghal kull interess li jista' jkollom**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell ad istanza tal-Avukat Generali, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni Enemalta minn sentenza moghtija fil-11 ta' Marzu, 2010 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza taghha kostituzzjonali li kienet laqghet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti. Infatti dik il-Qorti ddikjarat li Arbitragg Mandatorju ikkontemplat fil-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv tad-dritt ghall-smigh xieraq kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Konsegwentement dik il-Qorti annullat l-proceduri ta' arbitragg gja istitwiti mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma proprio et nomine.

**Il-fatti:**

B'rikors ipprezentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Gunju, 2008, is-socjeta` rikorrenti ppremettiet:

illi fit-2 ta' Ottubru 2007 permezz ta' Avviz Numru 1253/07 fl-ismijiet Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta v. H. Vassallo & Sons Limited gew istitwiti proceduri ta' arbitragg kontra r-rikorrenti (Dokument "A") fejn il-Korporazzjoni intimata qeghdha tippretendi hlas ta' kontijiet ghal konsum ta' ilma u elettriku; illi qabel ma rceviet in-notifika tal-imsemmi Avviz ta' Arbitragg ir-rikorrenti qatt qabel ma kienet giet interpellata tersaq ghall-arbitragg u qatt ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex jirrikorru ghal proceduri ta' arbitragg fil-kaz li jqumu xi pendenzi bejniethom; illi l-proceduri pprezentati mill-intimata Korporazzjoni gew hekk istitwiti fit-termini tal-Artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda ghall-Att dwar l-Arbitragg (Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta) konsegwenti ghall-Artikolu 15(11) tal-istess Att li jippreskrivi li l-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soggetti ghal arbitragg mandatorju u li f'dawn il-kazi l-partijiet ghandhom jitqiesu marbutin bi ftehim ta' arbitragg. Wahda mill-klassijiet ta' tilwimiet preskritti fir-Raba' Skeda huma tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma; illi fir-risposta pprezentata mir-rikorrenti, hija eccepiet illi l-proceduri istitwiti b'mod mandatorju fil-konfront taghha huma lesivi tad-drittijiet

kostituzzjonali taghha (Dokument B) u ghal dan il-ghan hija qeghda tressaq dawn il-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti; illi l-imposizzjoni ta' arbitragg mandatorju fir-rigward tar-rikorrenti jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-ligi ta' Malta permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni; illi tali vjolazzjoni tikkonsisti principalment fi tlett elementi u cioe` li (1) l-procedura ta' kif jigi maghzul l-Arbitru u kif dan jigi mahtur inkluz ir-regoli stabbiliti fl-Att dwar l-Arbitragg ma jassigurawx smigh xieraq li jirrispetta l-principji ta' indipendenza u imparzjalita` kif mehtieg fil-protezzjoni tad-dritt tal-individwu ghal smigh xieraq; li (2) l-imposizzjoni ta' arbitragg forzat icahhad lir-rikorrenti minn access ghal determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili taghha billi ccahhada b'mod forzat minn determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili minn tribunal mwaqqaf b'ligi; u li (3) jcahhad ukoll lir-rikorrenti mid-dritt ghal appell shih; illi l-elementi ta' indipendenza u imparzjalita` oggettiva tal-arbitru ghandhom jigu kkunsidrati fid-dawl tal-procedura ghall-ghazla, l-hatra u l-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi taht liema dan l-arbitru jinhatar, u li l-artikoli tal-Att dwar l-Arbitragg ma jipprovdux f'dan ir-rigward dik il-protezzjoni mehtiega skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni; illi in oltre process ta' arbitragg ma jipprovdix il-garanziji kollha rikjesti fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan billi meta dak l-arbitragg huwa wiehed forzat u mandatorju jcahhad mid-dritt ghal smigh xieraq minn tribunal stabbilit b'ligi; illi in oltre l-impozizzjoni ta' arbitragg mandatorju fit-termini tal-Att dwar l-Arbitragg qieghed ukoll icahhad lir-rikorrenti mid-dritt ta' appell shih u dan billi taht l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar ir-rikorrenti jkollha dritt ta' appell fuq kull punt mentri skont l-Att dwar l-Arbitragg ir-rikorrenti ghandha dritt ta' appell biss minn punt ta' ligi;

Dan premess ir-rikorrenti talbet lil dik il-Qorti:-

(1) tiddikjara li l-arbitragg mandatorju bhala effett tal-Artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg fid-dawl tal-Artikolu 15(11) tal-istess Att huwa leziv tad-dritt

ghal smigh xieraq kif protett kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan ghal kull wiehed mit-tlett aggravji fuq imsemmija; (2) taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni fosthom li tiddikjara l-proceduri ta' arbitragg bin-numru *EW1253/2007* fl-ismijiet **Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma pro et noe v. H. Vassallo & Sons Limited** bhala nulli, u tillikwida favur l-esponenti kumpens li ghandu jinkludi l-ispejjez u d-drittijiet li l-esponenti nkorriet sabiex tiddefendi l-posizzjoni taghha fl-imsemmi arbitragg, oltre l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Fis-16 ta' Gunju, 2008 l-intimat Avukat Generali wiegeb:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Illi b'din l-azzjoni is-socjeta` rikorrenti qeghdha titlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara bhala leziv tad-drittijiet taghha kif sanciti fl-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u dan a bazi tal-fatt li l-ligi timponi li l-kazijiet li huma marbuta ma tilwimiet dwar servizz tal-elettriku u ilma ghandhom jigu riferiti ghall-Arbitragg u dan b'mod mandatorju;

Illi r-rikorrenti qed tippretendi li d-drittijiet taghha fuq riferiti gew lezi a bazi tas-segwenti u cioe`:

01 fir-rigward tal-procedura li tintuza meta jigi maghzul l-Arbitru;

02 fir-rigward tal-allegazzjoni li l-impozizzjoni tal-arbitragg forzat icahhad lir-rikorrenti minn access ghal determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili taghha billi ccahhadha b'mod forzat minn determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili minn tribunal mwaqqaf b'ligi;

03 icahhad ukoll lir-rikorrenti mid-dritt ta' appell shih;

Illi l-punt tal-partenza dwar dak li qed tghid ir-rikorrenti huwa proprju jekk il-Bord tal-Arbitragg ghandux jitqies bhala qorti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bis-salvagwardji kollha skont l-istess ligi;

Illi jibda biex jinghad illi l-kelma “qorti” uzata fl-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni hija mfissra fl-Artikolu 47 bhala komprensiva ta’ “kull qorti li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skont il-ligi dixxiplinarja u fl-Artikoli 33 u 35 ta’ din il-Kostituzzjoni tinkludi, dwar reat kontra ligi dixxiplinarja qorti hekk imwaqqfa”;

Illi l-imsemmi intimat Avukat Generali jissottometti illi t-tribunal ta’ arbitragg stabbilit taht l-Att dwar l-Arbitragg jissodisfa r-rekwiziti kollha tas-smigh xieraq imposti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u 39 tal-Kostituzzjoni u huwa certament ‘tribunal’ specjalment fil-kazijiet ta’ arbitraggi mandatorji fejn huwa jwettaq funzjonijiet *ex lege*;

Ill dan ghandu jirrizulta bl-aktar mod ampju peress illi l-istess tribunal huwa indipendenti mill-Ezekuttiv u mill-istess partijiet – element li huwa indispensabbli ai fini ta’ imparzjalita` ghall-effetti u finijiet kollha tal-ligi u peress ukoll li l-garanzji ta’ smigh xieraq jirrizultaw mill-istess ligi tal-Arbitragg li fiha regoli li permezz taghhom l-istess dritt ghas-smigh xieraq huwa salvagwardjat ‘*in pieno’*;

Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti minn imkien ma jirrizulta li mankanza ta’ dritt tal-appell tista’ minnha nfisha necessarjament titqies bhala lezjoni ta’ xi dritt fundamentali tar-rikorrenti;

Illi skont gurisprudenza kostanti specjalment dik Ewropea biex tribunal jista’ jitqies bhala ‘qorti’ jrid jissodisfa r-rekwisiti li jkun indipendenti mill-Ezekuttiv u l-partijiet u li s-‘security of tenure’ tal-istess arbitru u garanziji ohra ghandhom jigu salvagwardjati mill-istess procedura – liema procedura fil-kaz odjern taghmel parti integrali mil-ligi dwar l-Arbitragg;

Ghaldaqstant dan l-intimat filwaqt li jaghmel riferenza ghas-suespost, kif ukoll ghall-provi li jistghu jingabru waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Il-Korporazzjoni intimata Korporazzjoni Enemalta fis-16 ta' Gunju, 2008 wiegbet hekk:

Illi t-talbiet fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma nfondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi :

1. preliminarjament il-Korporazzjoni Enemalta mhijiex il-legittimu kontradittur fil-prezenti proceduri;
2. sussidjarajment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, li istitwiet proceduri ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta, imxiet pjenament ai termini tal-proceduri stabiliti bil-ligi, senjatament skont ir-Raba' Skeda tal-Att Dwar l-Arbitragg (Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. minn imkien ma jirrizulta illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kellha tasal fi ftehim mal-konsumatur rikorrenti sabiex tistitwixxi l-proceduri kwistjoni tal-prezenti kawza u jirrizulta ampjament, sahansitra mir-rikors promotur, illi l-Korporazzjonijiet imxew pjenament ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-Korporazzjoni Enemalta titlob umilment li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez stante li dawn huma privi totalment minn kwalsiasi fondament legali;

Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, ukoll fis-16 ta' Gunju, 2008, wiegbet hekk:

Illi l-Korporazzjoni msemmija mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, stante li hi m'ghandha l-ebda awtorita` li tibdel il-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta hija pprezentat l-arbitragg numru 1253/07, kif hemm indikat fir-

rikors promotur, l-istess Korporazzjoni esponenti agixxiet skont il-ligi;

Illi l-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387) imkien ma jiddisponi li arbitragg mandatorju jehtieg li jkun precedut minn xi intimazzjoni sabiex l-intimat jersaq ghall-arbitragg, u, fi kwalunkwe kaz, il-Korporazzjoni esponenti, f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta, kienet ipprezentat kontra s-socjeta` rikorrenti, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), ittra ufficjali skont l-Artikolu 166A tal-Kap. 12, liema ittra ufficjali kienet giet notifikata lill-istess socjeta` rikorrenti fit-2 ta' Marzu 2006 u sussegwentement, fil-25 ta' Mejju 2006, imwiegba mill-istess socjeta` rikorrenti;

Illi, ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, fil-konfront tal-Korporazzjoni esponenti, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fil-11 ta' Marzu, 2010 bil-mod segwenti:

*"Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi tiddikjara illi l-Arbitragg mandatorju bhala effett tal-Artikoli 1.3 tar-Raba' skeda tal-Att Dwar l-Arbitragg fid-dawl tal-Artikolu 15(11) tal-istess Att, huwa leziv tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319) u dan ghat-tlett aggravji imsemmija fir-rikors promotur, u ghaldaqstant tiddikjara illi l-proceduri ta' arbitragg bin-numru EW1253/2007, fl-ismijiet Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma pro et noe vs H. Vassallo & Sons Limited huma nulli.*

*Ikkunsidrat :*

*Illi s-socjeta' rikorrenti naqset illi tipprova l-ispejjez u d-drittijiet li nkorriet sabiex tiddefendi l-posizzjoni taghha fl-*

*imsemmi Arbitragg u ghalhekk il-Qorti ma tistax tillikwida favur is-socjeta' rikorrenti kumpens f'dan is-sens.*

*Illi l-Qorti tordna li kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati sabiex din tirregola ruhha skont il-Ligi*

*L-ispejjez ta' din id-decizjoni ghandhom jithallsu mill-intimat l-Avukat Generali."*

Dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni msemmija wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat :

"Illi l-fatti illi taw lok ghall-proceduri odjerni kienu illi s-socjeta' rikorrenti giet riffaccjata bi process ta' arbitragg illi nbeda mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni Enemalta illi ppretendew hlasijiet mis-socjeta' rikorrenti.

"Illi s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet illi qatt ma qablet, jew wasslet ghal xi ftehim fis-sens illi hija kellha tissottometti ruhha ghall-process ta' arbitragg u qatt ma accettat li tkun marbuta b'tali process u sahansitra ipprezentat l-oggezzjoni taghha anke fil-process ta' arbitragg illi inbeda kontra taghha; liema process igib in-numru 1253/2007 fl-ismijiet Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta vs H. Vassallo & Sons Limited.

"Illi ghalhekk is-socjeta' rikorrenti qeghda titlob illi din il-Qorti tiddikjara illi l-process ta' arbitragg mandatorju ghal liema hija qeghda tigi assoggettata jivvjola l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif protett fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u cioe' d-dritt ghal smigh xieraq.

"Illi s-socjeta' rikorrenti qeghda tissottometti illi din il-vjolazzjoni hija maghmula minn tlett aspetti tal-istess process ta' arbitragg mandatorju u cioe' (1) il-fatt illi l-

arbitragg huwa mandatorju u mhux maghzul bi ftehim bejn il-partijiet icahhad lis-socjeta' rikorrenti minn dak l-access ghall-Qorti imwaqqfa b'Ligi bis-setgha li tiddettermina d-drittijiet u obbligazzjonijiet civili taghha skont il-Ligi fuq il-mertu u procedura stabbiliti, (2) illi s-socjeta' rikorrenti tissottometti illi d-dritt taghha ghall-smigh xieraq minn Tribunal indipendenti u imparzjali qieghed jigi michud lilha billi l-ghazla u l-hatra tal-arbitru ma tirriflettix dawk il-principji bazici li fuqha huwa msejjah smigh xieraq, fosthom security of tenure u imparzjalita ` anke oggettiva u (3) is-socjeta' rikkorrenti tirraviza ksur tad-dritt ghal smigh xieraq billi l-arbitragg mandatorju jcahdilha mid-dritt ghall-appell shih meta tali appell huwa permess lilha fuq procedure civili quddiem il-Qrati.

"Illi l-intimati wiegbu illi t-Tribunal ta' Arbitragg stabbilit taht l-Att dwar l-Arbitragg jissodisfa r-rekwiziti kollha ta' smigh xieraq imposti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-Korporazzjoni Enemalta wiegbet illi hija mhijiex il-legittimu kontradittur fil-prezenti proceduri. Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma wkoll wiegbet illi mhijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u illi minghajr pregudizzju ghas-suespost meta pprezentat l-Arbitragg numru 1253/07 il-Korporazzjoni agixxiet skont il-Ligi.

"Ikkunsidrat :

"Illi preliminarjament il-Korporazzjoni Enemalta eccepiet illi mhijiex il-legittimu kontradittur fil-prezenti proceduri.

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghal sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Avukat Michael Psaila nomine vs Joseph Pace et tat-3 ta' Ottubru 2008 fejn il-Qorti qalet hekk :

"Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kuntradittur jehtieglu jipprova illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f'ebda rapport negozjali mar-rikorrent noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport."

“Illi l-Qorti rat illi l-Korporazzjoni Enemalta ma ressqet l-ebda prova f’dan is-sens.  Inoltre l-istess att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma u r-regolamenti jaghtu l-fakulta lill-Korporazzjoni tal-Ilma tagixxi ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta.  Ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni preliminari tal-intimata Korporazzjoni Enemalta.

“Illi l-Korporazzjoni intimata ghas-Servizzi tal-Ilma wkoll eccepiet illi mhijiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u din l-eccezzjoni preliminari qeghda tigi wkoll respinta ghall-istess ragunijiet imsemmija fir-rigward tal-Korporazzjoni Enemalta.

“Kunsiderazzjonijiet :

“Illi fil-kaz in ezami s-socjeta’ rikorrenti qeghda toggezzjona li l-kaz taghha jigi gudikat f’arbitragg mandatorju peress illi tali proceduri huma lezivi tad-drittijiet kostituzzjonali taghha.  Is-socjeta’ rikorrenti tikkontendi li tali vjolazzjoni tikkonsisti fi tlett elementi u cioe’ illi l-procedura ta’ kif jigi maghzul l-arbitru u kif dan jigi mahtur inkluz ir-regoli stabbiliti fl-att dwar l-arbitragg ma jassigurawx smigh xieraq li jirrispetta il-principji ta’ indipendenza u imparzjalita` kif mehtieg fil-protezzjoni tad-dritt tal-individwu ghal smigh xieraq.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta ighid hekk :

(2) Kull Qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.

“Illi l-Artikolu 6 subparagraph 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi kif gej: “fid-decizzjoni tad-drittijiet civili u tal-

obbligi tieghu, jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kullhadd huwa intitolat ghas-smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'Ligi." Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament, izda l-istampa u il-pubbliku jista jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'socjeta' demokratika meta l-interessi ta' minuri, jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn tkun rigorosament mehtieg fil-fehma tal-Qorti f'cirkostanzi specjali meta il-pubblicita` tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.

"Illi l-Kapitolu 387, l-Att dwar l-Arbitragg jipprovdi hekk fl-Artikolu 15 (11) tieghu :

"B'zieda ma' dawk imsemmija b'kull ligi ohra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soggetti ghal arbitragg mandatorju u f'dawk il-kazijiet il-partijiet ghandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitragg relatat ma' dawk it-tilwimiet."

"Illi r-Raba' Skeda ta' dak l-Att kif emendat bl-avviz legali 279 tal-2005 jipprovdi :

"Illi kull tilwima marbuta mas-Servizzi tal-Elettriku u hija soggetta ghall-Arbitragg mandatorju".

"Ikkunsidrat :

"Illi filwaqt illi l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar Qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi, il-Konvenzjoni titkellem dwar Tribunal Indipendenti u Imparzjali mwaqqaf b'Ligi.

"Illi l-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi t-twaqqif tat-Tribunal f'Arbitragg li hu kompost minn Arbitru wiehed, jew numru ta' Arbitri. Skont ir-regolamenti tat-taqsima B tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg il-Kapitolu 387 fejn l-Arbitragg mandatorju huwa wiehed domestiku dan huwa regolat mit-taqsima IV tal-Att apparti ir-regoli stabbiliti fl-istess taqsima.

"Illi l-Artikolu 15 subartikolu (11) jghid illi persuni li ma jkunux ftehmu fil-ftehim ta' Arbitragg u li ma jkunux issottomettew lilhom infushom ghal determinazzjoni tal-kwistjonijiet li jqumu bejniethom fi process ta' Arbitragg huma xorta wahda meqjusa li jkunu marbutin bi ftehim ta' Arbitragg relatat ma dawk it-tilwimiet. Il-process ta' Arbitragg ikun ippresedut minn Arbitru wiehed fejn il-partijiet ma jiftehmux fuq tlett Arbitri li ghandhom jippresjedu il-process. Tali Arbitru jinhatar mic-Chairman tac-Centru nkluz persuni li ma jkunux gja qeghdin jippresjedu aktar minn ghaxar arbitraggi pendenti u dana anke jekk il-partijiet jiftehmu fuq hatra ta' arbitru li ma jissodisfax dawn il-kriterji. Id-dritt ta' Appell huwa moghti biss fuq punt ta' Ligi.

"Ikkunsidrat :

"Illi s-socjeta' rikorrenti tissottometti illi qeghda tigi mcahhda mid-dritt taghha ta' access ghall-Qorti mwaqqfa b'Ligi u li hija protetta b'security of tenure u li hija imparzjali. Is-socjeta' rikorrenti tissottometti illi una volta ma ghazlitx li tissottometti ruhha volontarjament ghall-procedura ta' Arbitragg hija ma ghazlitx li tnaqqas dan id-dritt taghha, jew li tirrinunzja ghalih u l-istat ma ghandux il-fakulta li jnaqqas dan id-dritt tal-individwu ghall-access ghall-Qorti billi jissottomettih ghal process mandatorju. Inoltre s-socjeta' rikorrenti tissottometti illi ghalkemm il-gudikant jiggudika il-kaz skont regoli stabbiliti, l-arbitru ma jiggudikax, izda jikkonkludi il-kaz skont regoli anke ta' ekwita`. Ghalhekk l-Arbitragg mandatorju jwassal ghall-limitazzjoni sproporzjonata u mhux gustifikata tad-dritt ghall-access tal-Qorti. Is-socjeta' rikorrenti tissottometti wkoll illi fid-dritt ghall-access ghall-Qorti wiehed irid ukoll iqis id-dritt tas-smigh pubbliku u anke id-dritt ghall-appell. Il-process tal-Arbitragg huwa nieqes fuq dawn iz-zewg punti billi d-dritt ta' appell huwa limitat fuq punti ta' Ligi u ma hemmx dritt ghal smigh pubbliku.

"Illi inoltre s-socjeta rikorrenti tissottometti wkoll illi l-indipendenza tal-Arbitru u tac-centru tal-Arbitragg inkluz tac-Chairman hija wkoll nieqsa billi ma tissodisfax l-

elementi li joholqu security of tenure li wiehed jippretendi f'qafas tat-Tribunal li jiddetermina d-drittijiet civili u hawn hekk is-socjeta' rikorrenti rriferiet ghall-poter ta' indhil li c-Chairman tac-Centru ghandu fil-hatra tal-Arbitru, fil-procedura li dan l-Arbitru ghandu jsehh, kif ukoll fix-xoghol tal-Arbitru. Hija issottomettiet illli l-Arbitru huwa sottomess anke ghar-rikuza u tnehhija mic-Chairman tat-Tribunal u illi l-istess Chairman u membri tac-Centri ta' Arbitragg ma jgawdux minn security of tenure peress illi jistghu jigu mnehhija minn posthom b'decizjoni tal-Ministru, anke jekk bil-parir tal-Kummissjoni, u c-centru stess jiddependi fuq il-finanzi tal-Gvern, u c-Chairman u l-membri tac-centru jiddependu ghar-rimunazzjoni u allowances fuq id-diskrezzjoni tal-Ministru, u dan kollu jwassal sabiex wiehed jiddubita l-indipendenza tac-Centru tal-Arbitragg fejn hemm Arbitragg mandatorju. Is-socjeta' rikorrenti ssottomettiet ukoll illi n-nuqqas tal-indipendenza twassal ukoll ghal nuqqas ta' imparzjalita` li mhux necessarja li tkun wahda fattwali, izda huwa bizzejjed illi tigi hekk percepita mill-individwu. F'dan ir-rigward is-socjeta' rikorrenti irreferiet ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Muscat vs Prim Ministru et tad-29 ta' Mejju 2009 u sentenza ta' din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet Grech vs Claire Calleja et.

"Illi din il-Qorti, fis-sentenza taghha fl-ismijiet Joseph Muscat vs Prim Ministru et tad-29 ta' Mejju 2009, ikkwotat il-Qorti Kostituzzjonali fejn qalet, fil-kawza A Grech vs C Calleja deciza fid-29 ta' Frar 2008, illi hemm zewg interpretazzjonijiet li jistghu jinghataw lill-kelma Qorti, wahda li tillimita din il-kelma ghal dawk l-organi li jiffurmaw parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja u li huma dejjem presjeduti mill-Imhallef, jew mill-Magistrat, u ohra li testendi din il-kelma ghal kull organu li jista jissejjah anke Tribunal, Bord, Kummissjoni, Panel etc li ghandu certa funzjoni ghall-gudikanti simili ghal dik ta' organu li jissejjah Qorti u li jifforma parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja kif inghad. Pero' wiehed ma jistax jargumenta li ghax tali organu ghandu l-istess funzjoni, jew funzjoni simili ghal dik ta' Qorti allura dak l-organu hu Qorti.

“Illi l-Qorti Ewropeja, fis-sentenza taghha Campbell and Fell (ECHR 28/6/1994) the word "tribunal" in Article 6 para. 1 (art. 6-1) is not necessarily to be understood as signifying a court of law of the classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country. A Tribunal is characterized in the substantive sense of the term by the judicial function, that is to say, determining matters within its competence on the basis of rules of Law and after proceedings conducted in a prescribed manner. It must satisfy a serious of further requirements – independence, in particular of the executive; impartiality; duration of its members terms of office; guarantees afforded by its procedure - several of which appear in the text of Article 6 (1) itself.” (Le Compte, Van Leuven and De Meyere judgment).

“Ikkunsidrat :

“Illi s-socjeta’ rikorrenti ssottomettiet illi fil-kaz odjern it-Tribunal ta’ Arbitragg mhuwiex wiehed ta’ Arbitragg volontarju, izda Arbitragg sforzat jew mandatorju.

“Illi l-Qorti Ewropeja ta’ Strasbourg accettat Arbitragg bhala process legali u validu jekk il-partijiet ikunu volontarjament ghazlu sabiex it-tilwima taghhom tigi rizolta b’dan il-mod u ghalhekk ikunu l-partijiet stess li jkunu qeghdin jirrinunzjaw ghall-access ghall-Qorti u ghall-smigh pubbliku minn Tribunal stabbilit b’Ligi.

“Izda f’kaz iehor Applikazzjoni Numru 11960/86 deciza fit-13 ta’ Lulju 1990 mill-Kummissjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, intqal illi l-partijiet jistghu jirregolaw il-kawzi civili taghhom billi jissottomettuhom ghall-Arbitragg minflok imorru quddiem il-Qorti u dan ikun kompatibbli mal-Artikolu 6, peress illi l-partijiet ikunu jistghu jiehdu decizjoni minghajr ma jirrikorru ghall-Qorti. Izda il-Kummissjoni qalet illi jista jkun hemm problemi fejn il-procedura ma tkunx wahda volontarja, jigifieri miftehma bejn il-partijiet f’kuntratt jew meta wiehed jista jiddeciedi b’serenita` illi l-partijiet ikunu ftehmu illi l-kaz taghhom ikun gie riferit ghall-arbitragg. L-Applikazzjoni numru 11960/86 deciza fit-13 ta’ Lulju 1990 kienet tikkoncerna ftehim

kuntrattwali privat bejn il-partijiet illi permezz tieghu il-kaz taghhom kellu jigi sottomess ghall-proceduri ta' Arbitragg.

"Illi f'Applikazzjoni ohra 23173/94 deciza fit-22 ta' Ottubru 1996 u Applikazzjoni numru 28101/95 Dicembru, deciza fis-27 ta' Novembru 1996, il-Kummissjoni tat x'tifhem illi jenhtieg xi forma ta' applell minn arbitragg lill-Qorti, izda il-Kummissjoni qalet illi il-Bord illi jiddeciedi l-Arbitragg mhuwiex tenut illi isegwi rigorosament l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni, u jistghu jigu imposti kondizzjonijiet stretti ghar-revoka tad-decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg (vide l-kaz Suovaniemi v Finland (31737/96 February 23, 1999) fejn l-applikanti nstabu illi kienu rrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jiehdu l-kaz taghhom lill-Qorti u fejn l-Arbitragg kien munit b'garanziji sufficjenti sabiex jiggarantixxi d-dritt ghal smigh xieraq minn Tribunal Indipendenti.

"Illi fil-kaz Deweer v Belgium A/35 (1980) 2EHRR 439 paragraph 49 u Nordstrom – Janzon and Nordstrom – Lehtinen v Netherlands (1996) 28101/95, il-Qorti Ewropeja kienet qalet illi jekk xi hadd jallega illi parti qablet illi ma tmurx bil-kaz taghha il-Qorti, izda tmur ghall-arbitragg il-Qorti ghandha taghmel "a particularly careful review of the waiver".

"Illi fil-kaz imsemmi Deweer v Belgium, sid ta' hanut tal-laham kien ghazel illi jhallas multa minflok jistenna sentenza ta' Qorti wara li gie akkuzat illi kien hati ta' overpricing u dan peress illi ipprefera jaghmel hekk, milli joqghod jistenna illi l-kaz tieghu jigi deciz il-Qorti. F'dak il-kaz il-Qorti sabet illi ma kienx irrinunzja illi jmur il-Qorti ghaliex id-decizjoni tieghu kienet suggetta ghall-fatt illi huwa ma setghax jaghmel mod iehor. F'dak il-kaz l-akkuzat, li kieku ghazel illi jistenna illi l-kaz tieghu jistema mill-Qorti, kien jinghalaqlu l-hanut tieghu provizzorjament sa kemm jinqatalu l-kaz u b'hekk kien isofri telf kbir ta' flus.

"Ikkunsidrat :

"Illi fil-kaz illi ghandha il-Qorti quddiemha, l-Arbitragg illi s-socjeta' rikorrenti qeghda tilmenta minnu hu wiehed illi gie

impost fuqha mill-legislatur u mhux wiehed illi hi stess ghazlet volontarjament li tissottometti ruhha ghalih. Ghalhekk il-Qorti issa ser tezamina jekk fil-fatt it-Tribunal tal-Arbitragg mandatorju jaghtix il-garanziji kollha mitluba mill-Ligi sabiex is-socjeta' rikorrenti jkollha smigh xieraq quddiem Tribunal indipendenti u imparzjali kif tirrikjedi il-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja.

“Ikkunsidrat :

“Illi it-Tribunal gie definit mill-Qorti Ewropeja fil-kaz Belilos v Switzerland A132 (1988) b’dan il-mod :

“A Tribunal is characterised in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner. It must also satisfy a series of further requirements – indepence, in particular of the executive; impartiality; duration of its members’ terms of office; guarantees afforded by its procedure – several of which appear in text of Article 6 -1 itself.”

“Illi fir-rigward tal-element tal-indipendenza tat-Tribunal fil-kaz Campbell and Fell v.  United Kingdom A80 (1984); 7 EHRR 165 paragraph 78, il-Qorti qalet illi trid taghmel dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha sabiex tezamina jekk Tribunal huwiex indipendenti jew le :

“In determining whether a body can be considered to be independent" - notably of the executive and of the parties to the case - the Court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.”

“Illi l-Qorti ikkunsidrat illi huwa normali illi ll-ezekuttiv jahtar il-membri tal-Bord jew tat-Tribunal hu stess, kif jigri f’hafna kazijiet meta jigu mahtura l-Imhallfin.  Il-Qorti qalet ukoll illi sabiex jirnexxi kaz fejn jigi ippruvat illi Imhallef ma kienx indipendenti b’referenza ghall-mod kif gie appuntat, ikun

irid jigi ippruvat illi l-mod ta' kif jigu appuntati l-Imhallfin "as a whole is insatisfactory," jew inkella "at least the establishment of the particular Court deciding a case was influenced by improper motives." (Vide Zand v. Austria numru 7360/76, 15 DR 70 at 81 (1978).

"Illi fil-kaz illi ssemma diga Campbell and Fell v. United Kingdom, il-Qorti qalet illi l-fatt illi membru tal-Prison Board of visitors, meta jkun qieghed jagixxi bhala Tribunal dixxiplinarju ghall-perjodu ta' tlett snin, kien sufficjenti. Il-Qorti f'dan il-kaz kienet influenzata mill-fatt illi l-membri ta' dan il-Board ma kienux imhallsa u li setgha kien difficli illi jsibu kandidati jekk il-perjodu ta' hatra jkun itwal minn tlett snin.

"Il-Qorti qalet hekk : "In determining whether a body can be considered to be 'independent' notably of the executive the Court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence."

"Illi fil-kaz fuq citat Campbell and Fell v. United Kingdom il-Qorti "did not require any formal recognition in law of the irremovability of a Prison Board of Visitors Member during his term of office. It was sufficient that this was recognised in fact and that the other necessary guarantees are present." A80, (1984) 7 EHRR 165 paragraph 80.

"Illi l-Qorti tassigura ruhha wkoll illi l-membri tat-Tribunal ma jircievux istruzzjonijiet minghand l-ezekuttiv, kif ukoll il-fatt illi t-Tribunal jaghmel id-deliberazzjonijiet tieghu bis-segretezza. Finalment il-Qorti irriteniet ukoll illi irid ikun hemm dak li hi sejhet "an appearance of independence requirement" u dan ir-rekwizit issemma fil-kaz Campbell and Fell, kemm fir-rigward tat-test oggettiv, kif ukoll fir-rigward tal-indipendenza u tal-imparzjalita tal-Bord, jew Tribunal.

"Illi s-socjeta' rikorrenti tissottometti illi l-procedura kif jigi maghzul l-arbitru u kif jigu mahtura il-membri ma jassigurawx smigh xieraq li jirrispetta l-principji ta' indipendenza u imparzjalita. Il-Qorti f'dan ir-rigward rat illi c-Chairman tac-Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta jitqieghed f'dik il-kariga mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja ghall-perjodu ta' sitt snin u iwettaq il-funzjonijiet tieghu skont l-Arbitru individwali tieghu u mhux suggett ghad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna, jew awtorita ohra. Huwa ikun elegibbli ghall-hatra mill-gdid malli itemm iz-zmien tal-hatra tieghu. Il-persuna li tigi appuntata bhala arbitru tista titnehha mill-grupp ta' arbitri mic-centru f'kull zmien, b'dana pero li t-tnehhija ma tkunx tolqot xi proceduri ta' Arbitragg li huwa jkun setgha diga gie mahtur fihom.

"Illi il-Qorti hawn hekk taqbel mas-sentenza moghtija minn din il-Qorti Joseph Muscat vs Prim Ministru, Ministru tal-Gustizzja u l-Avukat Generali fid-29 ta' Mejju 2009, fejn il-Qorti proprju ezaminat din il-kwistjoni u rat illi skont ir-regolamenti, l-arbitru hu suggett ukoll ghall-proceduri ta' dixxiplina illi huma ezercitati mic-Centru dwar l-Arbitragg.

"Illi inoltre l-avviz legali 421/2004 jaghti lir-Registratur tac-Centru poteri wiesgha hafna sabiex jikkontrolla l-mod kif l-arbitru imexxi l-procedimenti. L-Artikolu 72 jaghti l-poter lir-Registratur biex jindahal fl-immanigjar tal-procedimenti mill-Arbitru jekk hu ihoss illi dan ma ikunx qieghed jimmanigja b'mod efficjenti l-proceduri, u sahansitra l-Artikolu 72 sub-paragrafu 6B jaghti l-poter lill-Board tac-Centru li inehhi lill-Arbitru mill-Arbitragg anke minn kaz li jkun qed jinstema quddiemu jekk dan ma jkunx qed jimxi mal-procedura u ordnijiet tar-Registratur. Ghalhekk l-arbitru huwa sottomess ghad-decizjoni tac-Centru u hu c-Chairman tac-Centru li jista jiddeciedi ghal raguni tkun xi tkun jekk jahtarx persuna bhala arbitru, jew jekk jergax jinnominah fuq kaz iehor.

"Illi wkoll l-arbitru ma igawdi l-ebda 'security of tenure'.

"Illi l-Qorti Ewropeja irriteniet illi membri tat-Tribunal jew Board iridu jkunu protetti milli jitnehhew fil-perjodu tal-

hatra taghhom. Vide Engel v. Netherlands A 22 (1976) 1 EHRR 647, fil-kaz Crociani v. Italy nru 8603/79 22 DR 147 il-Qorti rat illi l-fatt illi Imhallef ikun gie mahtur ghal terminu fiss huwa fattur rilevanti peress illi matul dan it-terminu l-Imhallef ma jistax jitnehha mill-kariga tieghu.

“Illi fil-kawza Eccles Macphillips and Shane v. Ireland nru 12839/87, 59 DR 212 (1988) il-Kummissjoni sabet illi l-Ezekutiv ma kienx jipprova jindahal mal-funzjoni tal-Qorti u innotat ukoll illi l-Qrati ordinarji kellhom il-poter sabiex jirrevedu l-fatt jekk il-Qorti kienitx indipendenti jew le. F’kazijiet ohrajn il-possibilita` li membri tat-Tribunal jigu trasferiti sabiex jaghmlu xoghlijiet ohra ma kienitx ikkunsidrata bhala problema (vide Suter v. Swizerland number 8209/78, 16 DR 166 (1979).

“Illi fir-rigward tal-principju tal-imparzjalita, il-Qorti Ewropeja rat illi sabiex jigi sodisfatt dan il-kriterju it-Tribunal irid jghaddi kemm mit-test oggettiv [recte: soggettiv], kif ukoll minn dak oggettiv. “The existence of impartiallity for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any illegittimate doubts in this respect.” (Vide Hauschildt v. Denmark A 154 1989 12 EHRR 266 paragraph 46).

“Illi fil-kaz Kyprianou v. Cyprus 2005 – (X 111; 44 EHRR 565 paragraph 122) il-Qorti iddistingwit bejn zewg sitwazzjonijiet fejn jista jkun hemm ksur tal-element tal-imparzjalita, u cioe’ sitwazzjonijiet li jinvolvu jew parzjalita` funzjonali jew personali. Fil-kaz ta’ parzjalita` funzjonali, il-kwistjoni hija “whether the exercise of different functions within the judicial process by the same person or higher article or other links with another actor in the proceedings raised a legitimate doubt as the Court’s objective impartiality. In the case of the latter it was whether a Judge’s personal conduct raised such a doubt or indicated actual bias thus going to both objective and subjective impartiality. As to the subjective test, the question is

whether it can be shown on the facts that a member of the Court acted with personal bias against the applicant. In this connection there is a presumption that a judge is impartial until there is proof to the contrary. Given this presumption and the need to prove actual bias it is not surprising that a breach of the subjective test is difficult to establish."

"Illi f'kaz wiehed fejn gie ippruvat illi kien hemm ksur tar-regola tal-imparzjalita` kien fil-kaz Warner v. Poland Hudog 2001; 36 EHRR 491. "There an insolvency Judge who requested that the applicant be removed from his post as a judicial liquidator later sat as a member of the Court that heard her request. The European Court held that it was only reasonable to conclude that the insolvency Judge held a personal conviction that her request was well-founded and should be granted." It-test oggettiv jitqabbel sew mad-dutrina Ingliza that "Justice must not only be done, it must also be seen to be done", u f'dan il-kaz huma importanti ferm l-apparenzi. Min jallega l-imparzjalita irid jipprova li l-imparzjalita tal-Imhallef ma tistax tkun "objectively justified" (Vide Hauschildt v. Denmark) u jekk ikun hemm dubju legittimu dwar l-imparzjalita ta' Imhallef dak l-Imhallef irid jirtira mill-kaz. It-test oggettiv ikun vjolat jekk l-ezekuttiv jindahal f'kawza pendenti quddiem il-Qrati sabiex jinfluwenza l-mod kif tinqata.

"Illi f'kaz iehor, meta l-President Rumen kien ghamel kummenti fil-pubbliku dwar sentenzi maqtugha mill-Qrati Rumeni f'kawzi li kienu gew decizi dwar ir-restituzzjoni ta' proprjeta', ma kienux jivvolaw dan it-test oggettiv (Mosteanu and others v. Romenia Hudos 2002.)

"Illi l-Qorti Ewropeja sabet illi jekk Imhallef jaghmel xi dikjarazzjonijiet lill-istampa dwar il-kaz, jew jaghmel dikjarazzjonijiet b'mod iehor milli fis-sentenza tieghu, jitqajjem dubju legittimu dwar kemm l-Imhallef fil-fatt huwa imparzjali. (Vide Buscemi v. Italy 1999 – V 1 paragraph 67 – 68.)

“Illi fil-kaz odjern, minn dak illi diga gie ezaminat, il-Qorti tara illi jezistu dubbji gustifikati dwar il-parzjalita` oggettiva tat-Tribunal tal-Arbitragg, kemm fir-rigward ta’ kif inhu organizzat u kompost, kif ukoll fir-rigward tal-hatra u t-tnehhija tal-arbitri tal-istess Tribunal.

“Ikkunsidrat :

“Illi s-socjeta’ rikorrenti lmentat ukoll mill-fatt illi hija qed tigi michuda mid-dritt taghha ghall-appell shih.

“Illi fil-proceduri ta’ Arbitragg huwa minnu illi jezisti d-dritt ta’ Appell, izda dan id-dritt huwa limitat ghal punt ta’ Ligi biss, jigifieri is-socjeta’ rikorrenti fil-proceduri ta’ Arbitragg ma ghandhiex il-fakulta illi l-kaz taghha jigi mistharreg mill-Qorti fl-aspetti kollha tieghu, izda d-dritt ta’ Appell huwa biss fuq punt ta’ Ligi.

“Illi kif diga intqal, il-fatt illi persuna volontarjament tissottometti ruhha ghall-proceduri ta’ arbitragg huwa minnu innifsu legittimu. Izda meta persuna tigi imgieghla tissottometti ruhha ghall-proceduri ta’ arbitragg minghajr ebda ghazla ta’ xejn, ma jistax, jinghad illi l-kaz taghha qieghed jigi mistharreg minn Qorti indipendenti u imparzjali.

“Illi fil-kaz Obermeier v. Austria (A179 1990; 13 EHRR 290 paragraph 70) ma kienx hemm appell lill-Qorti jew Tribunal fuq il-merti tal-kaz. Ghalkemm kien possibli illi jsir appell lill-Qorti Amministrattiva ta’ Austria fuq il-bazi illi it-Tribunal tal-Gvern kien ezercita d-diskrezzjoni tieghu f’manjiera inkompattibli mal-iskop tal-Ligi, dan l-appell limitat ma giex meqjus illi kien konformi mal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.

“Illi f’kazijiet sussegwenti, il-Qorti Ewropeja sabet ukoll “that Article 6 requires that a Tribunal that complies with Article 6 must, either when the initial decision is taken, or on appeal, have jurisdiction to examine all questions of fact and law relevant to the dispute before it. (Vide Terrawoningen v. Netherlands 1996 – V1; 24 EHRR paragraph 456.)

"Illi ghalhekk il-Qorti tara illi dan il-fatt, jigifieri li ma hemmx appell fuq il-punti kollha tad-decizjoni, izda fuq punti biss ta' Ligi, ukoll jammonta ghall-vjolazzjoni ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja."

**L-Appell tal-Avukat Generali, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni Enemalta.**

L-intimati hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-30 ta' Marzu, 2010 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fl-istess rikors bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Is-socjeta` rikorrenti appellata resqet risposta ghar-rikors tal-kontro-parti fejn, filwaqt li stqarriet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, talbet li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Qabel ma din il-Qorti tezamina l-kwistjoni li tinsab quddiemha huwa xieraq li wiehed jaghti harsa lejn l-istitut tal-Arbitragg u partikolarment l-izviluppi li sehhew recentement billi b'hekk wiehed ikun jista' jifhem ahjar dak li ser jsegwi f'din is-sentenza.

Sal-1996 l-Istitut ta' Arbitragg kien regolat bit-Titolu XVI tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan kien mezz volontarju ta' kif litiganti jsolvu l-kwistjonijiet ta' bejniethom minghajr ma jirrikorru lejn il-Qrati ordinarji. Fl-1996 il-provvedimenti kollha, hlief ghall-Artikoli 968 u 969, koncernanti dan l-istitut u li kienu jinsabu fil-Kap 12 gew imhassra in forza tal-Att II tas-sena 1996 cioe` l-Att dwar l-Arbitragg. L-artikoli fuq imsemmija izda gew sostitwiti biex setghu jipprovdu ghad-dritt li litigant jitlob li kwistjoni li tkun quddiem qorti, hlief ghal dawk dwar stat personali u affarijiet ohra hemm imsemmija, titqieghed ghad-decizjoni

b'arbitragg bis-sahha tad-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Arbitragg.

Ilum dan l-istitut jinsab regolat bil-Kapitolu 387 u cioe` l-Att dwar l-Arbitragg. Dan l-att ghandu l-ghan li jinkoraggixxi u jiffacilita l-arrangament ta' tilwim f'Malta permezz ta' arbitragg, biex jistabilixxi Centru dwar l-Arbitragg u biex jaghmel disposizzjonijiet li jkunu jirregolaw it-tmexxija ta' procedimenti ta' arbitragg. Ghandu jinghad li dan l-Att jenfasizza l-aspett konsenswali ta' din il-procedura billi jitkellem fuq "Ftehim ta' Arbitragg" li, skont l-Artikolu 2 tal-istess Att "tfisser ftehim kif imfisser fl-Artikolu 7 tal-Mudell ta' Ligi" u cioe` l-UNCITRAL Model Law on International Commercial Arbitration (as adopted by the United Nations Commission on International Trade on 21 June 1985).

L-Artikolu 7 ta din il-Ligi jghid hekk dwar f'hiex jikkonsisti "Arbitration Agreement" u dwar il-forma li dan ghandu jiehu:

(1) "Arbitration Agreement" is an agreement by the parties to submit to arbitration all or certain disputes which have arisen or which may arise between them in respect of a defined legal relationship, whether contractual or not. An arbitration agreement may be in the form of an arbitration clause in a contract or in the form of a separate agreement.

(2) The arbitration agreement shall be in writing. An agreement is in writing if it is contained in a document signed by the parties or in an exchange of letters, telex, telegrams or other means of telecommunication which provide a record of the agreement, or in an exchange of statements of claim and defence in which the existence of an agreement is alleged by one party and not denied by another. The reference in a contract to a document containing an arbitration clause constitutes an arbitration agreement provided that the contract is in writing and the reference is such as to make that clause part of the contract."

Ghalhekk hawn naraw ir-rapport volontarju ta' bejn zewg partijiet li jkollhom disputa bejniethom u dwar liema l-istess partijiet ikunu qablu li jirriferu l-kwistjoni ghad-determinazzjoni quddiem arbitru u cioe` terza persuna li jkollha l-fiducja taghhom. B'dan il-mod tinholoq relazzjoni kuntrattwali bejniethom u fl-istess hin jeskludu l-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji.

Huwa minnu, kif gia` rajna, li l-Kapitolu 387 kien intiz li jinkoraggixxi l-uzu ta' proceduri ta' arbitragg ghall-arrangament ta' tilwim u dan principalment biex il-volum ta' xoghol quddiem il-Qrati Maltin jonqos xi ftit. Infatti waqt id-dibattitu fil-Committee Stage tal-31 ta' Ottubru, 1995 l-Onorevoli Michael Refalo esprima ruhu hekk "*it is another way how the Government is trying to plan a strategy and put in place systems and structures in order to alleviate the work load of the courts".* (Vide l-Unofficial translation tal-istess dibattitu riportata fil-pubblikazzjoni 'Maltese Arbitration Law – A Hand Book' Rilaxxat mill-Malta Arbitration Centre). B'dan kollu meta gie promulgat l-att tal-1996, u billi l-parlament xtaq li din il-ligi tirrifletti l-Model Law imsemmija nkwantu kienet ser tirregola mhux biss "arbitragg domestiku" izda wkoll "Arbitragg Internazzjonali Kummercjali", ma nsibu ebda referenza ghall-arbitragg mandatorju billi l-proceduri kienu mistennija bhala konsegwenza ta' decizjoni volontarja tal-litiganti.

Ghalkemm l-aspett volontarju ta' arbitragg ghadu hemm insibu li fl-2004 bl-introduzzjoni tas-subartikolu 11 tal-Artikolu 15 tal-Att Numru II gie introdott ghall-ewwel darba l-kuncett ta' Arbitragg Mandatorju. Infatti bl-emendi li sehhew dik is-sena l-ligi riedet li dawk il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda jkunu soggetti ghall-arbitragg mandatorju billi "*f'dawk il-kazijiet il-partijiet ghandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitragg relatat ma' dawk it-tilwimiet."* It-test ingliz huwa daqstant enfatiku billi jghid espressament li "the parties <u>shall be deemed</u> <u>to be bound</u> by an arbitration agreement in relation to such disputes."

Fost il-kazijiet kontemplati fir-Raba' Skeda fejn arbitragg mandatorju huwa previst insibu "Disputes connected with

electricity and water services" (Artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda). Kien b'hekk li s-socjeta` H. Vassallo & Sons Limited sabet ruhha rinfaccata bi proceduri ta' arbitragg ghar-rizoluzzjoni tal-pendenza li kellha mal-Korporazzjoni billi l-Korporazzjoni intimata kienet qed tippretendi xi hlasijiet li s-socjeta` rikorrenti kienet qeghdha tikkontesta. Is-socjeta` rikorrenti immedjatament ikkontestat din is-sitwazzjoni fir-risposta minnha ntavolata quddiem l-arbitru u kompliet biex ipprezentat dawn il-proceduri kostituzzjonali fejn talbet li l-Qorti: (1) tiddikjara li l-arbitragg mandatorju huwa leziv tad-dritt tas-smigh xieraq kif protett fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; u (2) biex taghti dawk ir-rimedji kollha mehtiega, fosthom li tiddikjara l-proceduri ta' arbitragg bhala nulli.

B'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Marzu, 2010 it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti gew milqugha billi gie dikjarat li l-arbitragg mandatorju "*huwa leziv tad-dritt ghal-smiegh xieraq*" billi jmur kontra l-artikoli imsemmija u dan billi (1) *l-procedura ta' kif jigi maghzul l-Arbitru u kif dan jigi mahtur inkluz ir-regoli stabbiliti fl-Att dwar l-Arbitragg ma jassigurawx smigh xieraq li jirrispetta l-principji ta' indipendenza u imparzjalita*`; (2) *l-imposizzjoni ta' arbitragg forzat iccahhad lir-rikorrent minn access ghad-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili minn tribunal imwaqqaf b'ligi*; u (3) *jcahhad ukoll lir-rikorrent mid-dritt ghall-appell shih.* Kosegwentement il-proceduri ta' arbitragg in kwistjoni gew dikjarati nulli. L-ewwel Qorti pero` ma llikwidat ebda danni fl-assenza ta' provi. U dan kif ahjar spjegat fil-korp tas-sentenza hawn fuq riportata.

Din il-Qorti tosserva li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti ghamlet riferenza ampja ghal diversi sentenzi tal-Qorti Europea. Barra minn hekk dik il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza, moghtija in *prim istanza,* fid-29 ta' Mejju, 2009 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Muscat v. Prim Ministru et" li kienet ukoll titratta lmenti simili billi r-rikorrent Joseph Muscat kien qed joggezzjona li kwistjoni li kienet tikkoncerna incident awtomobilistiku tigi deciza minn arbitru bhala konsegwenza ta' Arbitragg Mandatorju impost mis-subartikolu 11 tal-Artikolu 15 tal-Kap 387 tal-

Ligijiet ta’ Malta. Fis-sentenza imsemmija il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza taghha kostituzzjonali, kienet laqghet it-talbiet attrici billi ddikjarat li l-Avviz Legali 275 tal-2005 u l-Artikolu 15(11) tal-Kap 387 imorru kontra l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Is-sentenza msemmija izda giet revokata fl-istadju tal-appell b’sentenza moghtija fis-6 ta’ Settembru, 2010 meta l-Qorti Kostituzzjonali cahdet it-talbiet tar-rikorrent billi rriteniet li ma kienx hemm ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Europea fl-applikazzjoni tal-Artikolu 15(11) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn ezami tar-rikors tal-appell, u kif sewwa osservat is-socjeta` rikorrenti appellata, l-appellant jsejsu l-appell taghhom fuq tlett punti principali li fil-verita` jirriflettu l-eccezzjonijiet sollevati fi stadju aktar bikri u cioe`:

a) li l-Korporazzjonijiet intimati humiex legittimi kontradditturi;

b) li l-procedura ta’ arbitragg mandatorju jissodisfa r-rekwiziti kollha ta’ smiegh xieraq imposti mill-Konvenzjoni Europea u l-Kostituzzjoni Maltija, u

c) li n-nuqqas ta’ dritt ta’ access ghall-qorti fic-cirkostanzi tal-kaz huwa gustifikat u illi “l-allegazzjoni ta’ cahda tad-dritt ghall-Qorti tant hija infondata”.

**Dwar l-aggravju tal-legittimu kontradittur.**

Qed jigi sottomess mil-intimati Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni EneMalta li huma ma ghandhomx “*locus standi*” f’dawn il-proceduri billi ma humiex legittimi kontradditturi u dan, skont l-appellanti, billi jirrizulta ampjament mil-ligi u mill-gurisprudenza li huwa l-Avukat Generali “*li ghandu jirrispondi ghal xi allegata lezjoni dwar drittijiet fundamentali.*”

L-ewwel Qorti cahdet dawn l-eccezzjonijiet ta’ natura preliminari in bazi ghall-fatt li fil-process hemm nuqqas ta’ provi fir-rigward. In sostenn ta’ din il-konkluzzjoni l-ewwel Qorti ccitat silta mis-sentenza tat-3 ta’ Ottubru, 2008 fil-kawza “**Av. Michael Psaila nomine v. Joseph Pace et**” fejn jinghad espressament li jispetta lil min iqajjem din l-eccezzjoni li juri li “*hu ma kienx dahal f’ebda rapport*

*negozjali mar-rikorrent noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport*." Skont l-appellanti din il-prova ma kinitx mehtiega billi l-gurisprudenza u l-ligi jghatu kreditu ghal din l-eccezzjoni.

Il-kwistjoni ta' rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern hija regolata bl-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li gie introdott bl-Att XXIV tal-1995. Dan l-artikolu, filwaqt li jitkellem dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern, ma jaghmel ebda distinzjoni bejn proceduri normali u dawk ta' natura kostituzzjonali. Hemm jinsab provdut espressament li, bhala regola generali "*Il-Gvern <u>ghandu</u> jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-<u>kap tad-dipartiment</u> tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."* Din ir-regola izda ma tapplikax f'kawzi ghall-gbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern, kwistjonijiet dwar impieg mal-Gvern u dwar kuntratti ta' provvista jew appalt li jehtiegu l-prezenza tal-Accountant General, tas-Segretarju Amministrattiv, jew id-Direttur tal-Kuntratti rispettivament.

B'dan kollu nsibu li s-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistabilixxi d-dritt ta' rapprezentanza tal-Gvern fl-Avukat Generali limitatament ghal dawk "*l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li <u>minhabba n-natura tat-talba</u> ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*"

Dan premess din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-hsieb tal-Korporazzjonijiet appellanti billi jidher car l-interess dirett taghhom f'dawn il-proceduri stante li kull pronunzjament ta' din il-Qorti fir-rigward tat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur jimpingi direttament fuq d-dritt tal-istess Korporazzjonijiet li jibbenefikaw o meno mill-proceduri ta' arbitragg a tenur tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, ghalkemm il-presenza tal-Avukat Generali hija indispensabbli f'dawn il-proceduri billi hekk hu dispost fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu citat, din il-Qorti ma tara ebda htiega li l-atti jigu indirizzati biss lill-istess Avukat Generali billi min-natura tat-talba huwa ovvju l-interess tal-istess Korporazzjonijiet li jifformaw parti minn dawn il-proceduri. Din l-eccezzjoni ghalhekk, u mhux necessarjament ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza

appellata, ma hijiex gustifikata u konsegwentement dan l-aggravju qed jigi michud.

**Dwar ir-rekwiziti ghas-smigh xieraq.**

Kif gja rajna fis-6 ta' Gunju, 2008 gie ntavolat ir-rikors odjern quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fejn intalbet dikjarazzjoni li "*l-arbitragg mandatorju bhala effett tal-Artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg fid-dawl tal-Artikolu 15(11) tal-istess Att huwa leziv tad-dritt ghas-smigh xieraq kif protett kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta)*…" Il-vjolazzjoni lamentata giet impostata fuq tlett binarji u cioe':

a) li l-procedura tal-ghazla tal-arbitru u l-procedura tal-arbitragg "*ma jassigurawx smigh xieraq li jirrispetta l-principji ta' indipendenza u imparzjalita`;*"

b) li dan l-arbitragg forzat icahhad lir-rikorrenti mid-dritt li d-drittijiet u l-obbligi civili taghha jigu determinata b'tribunal imwaqqaf b'ligi;

c) li dan ukoll icahhad lir-rikorrenti mid-dritt ghall-appell shih.

**Ikkunsidrat**

Huwa generalment rikonoxxut li meta l-partijiet konvenzjonalment jintrabtu li, f'kaz ta' xi disputa naxxenti mir-relazzjonijiet li jista' jkun hemm bejniethom, jirrikorru ghall-procedura ta' arbitragg ghar-risoluzzjoni tal-istess huma b'hekk ikunu qeghdin volontarjament "*jirrinunzjaw*" ghal certa garanziji li toffri l-ligi billi jkunu qed ipoggu l-fiducja taghhom f'persuna minnhom mahtura biex tiddetermina l-punt litiguz. F'dan il-kaz, kif esprimiet ruhha l-Kummissjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Applikazzjoni Numru 11960/86 deciza fit-13 ta' Lulju, 1990, "*dan ikun kompatibbli mal-Artikolu 6, peress li l-partijiet ikunu jistghu jiehdu decizjoni minghajr ma jirrikorru ghall-Qorti.*" Konsegwentement f'kazi simili l-parti ma tkunx tista' tressaq ilment dwar vjolazzjoni ta' dritt fondamentali, hlief f'kazijiet eccezzjonali.

Ghal kuntrarju meta l-procedura ta’ arbitragg tigi imposta, kif volgarment jinghad, “*minn fuq”*, u jigi eskluz l-access ghall-qrati ordinarji, bil-garanziji generalment offruti mill-istess qrati, kull parti ghandha d-dritt li tara li l-obbligi ta’ smigh xieraq huma salvagwardati kif trid il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Billi kif qalet l-istess Kummissjoni fis-sentenza fuq imsemmija tal-1990 f’dawn il-kazi “*jista’ jkun hemm problemi fejn il-procedura ma tkunx wahda volontarja”.*

Jidher li huwa generalment rikonoxxut mill-kontendenti li tribunal ta’ arbitragg jikkostitwixxi qorti nkwantu dan ghandu l-ghan li jiddetermina “*matters within its competence on the basis of rules ol Law and after proceedings conducted in a prescribed manner*.” Fic-cirkostanzi dan it-tribunal *“ must satisfy a serious of further requirements, independence, in particular of the executive, impartiality; duration of its members terms of office; guarantees afforded by its proceedure*” (ara s-sentenza f’Campbell and Fell tat-28 ta’ Gunju, 1994), liema rekwiziti, wara kollox jirrizultaw mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

F’dan il-kuntest l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jiddisponi li *“Kull Qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; ….*” u li dawn il-proceduri jinzammu *“fil-pubbliku”.*

Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Le Compte** jinghad li “**In determining whether a body can be considered to be “independent” – notably of the executive and of the parties to the case – the Court has to have regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of gurantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence”.**

F'diskors moghti gewwa Brno, Repubblika Ceka, f'Settembru 1999 l-Ex-Prim' Imhallef Dr Joseph Said Pullicino, li kien qed jindirizza l-Vienna Commission tal-Kunsill tal-Ewropa, qal hekk dwar l-indipendenza tal-Gudikatura: "*Under Maltese law judges are appointed by the President acting in accordance with the advice of the Prime Minister (Article 96). However, this does not mean that a judge's independence is tainted and appointment by the executive is permissible, indeed normal. Once a judge is appointed he enjoys security of tenure till the age of sixty-five, and may only be removed by the President upon an address of the House of Representatives supported by the votes of not less than two-thirds of all the members. Removal from office is restricted on the ground of proved inability to perform the functions of his office (infirmity of body or mind or any other cause) or proved misbehaviour. This provision serves as a guarantee against outside pressures.* (enfazi ta' din il-Qorti) *The law ensures that the court can base its decisions on its own free opinion about facts and legal grounds, without any commitment to the parties or the public authorities. Furthermore, its decision is subject to review by an authority which is independent in the same sense.*"

Is-silta fuq riportata tigbor fiha l-principji kollha generalment rikonoxxuti biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-gudikatura. F'kliem l-istess President Joseph Said Pullicino, mhux daqstant relevanti minn jahtar l-Imhallef jew fil-kaz odjern l-arbitru, izda li la darba dan ikun mahtur is-sistema tipprovdi mezzi kif l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-persuna hekk mahtura tkun garantita billi dik il-persuna tkun immuni minn pressjoni tal-partijiet u l-ezekuttiv.

Fuq dan it-taghlim il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali, sew fis-sentenza appellata, kif ukoll fis-sentenza fil-kawza Joseph Muscat kontra Prim Ministru et, hasset li fil-kaz ta' arbitragg mandatorju ma jezistux dawk l-elementi tant mehtiega biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-gudikant – dan kif sejrin naraw hawn taht. Dan apparti l-fatt li l-appell limitat

ghall-punti ta' ligi jehles lit-tribunal minn kontroll effettiv minn awtorita` gudikanti ohra li ghandha l-indipendenza mehtiega.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Settembru, 2010 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Muscat v. Onor. Prim Ministru, din il-Qorti, kif dakinhar komposta, wara li ghamlet rassenja tad-diversi artikoli tal-ligi, irrevokat is-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2009 moghtija in prim istanza billi ddikjarat li ma kien hemm ebda ksur tad-dritt fondamentali reklamat. Huwa xieraq li hawn jigu riprodotti *verbatim* il-konsiderazzjonijiet li wasslu dik il-Qorti biex tasal ghal tali konkluzjoni u dan qed isir billi s-sentenza msemmija mhux biss titratta l-istess kwistjoni fil-kaz odjern izda billi l-partijiet f'dan l-appell hassew il-htiega li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward.

Dan li gej huwa estratt tas-sentenza imsemmija:

"*17. Il-kumment maghmul mill-ewwel qorti illi l-ghazla ta' arbitri ma hijiex xi "ghazla wiesa" b'ebda mod ma tnaqqas l-indipendenza tal-persuna maghzula. Anzi, il-kriterji tal-ghazla taht l-art. 10(3) tal-Kap 387 huma mahsuba biex il-persuni li jintghazlu jkunu minn fost dawk li jkollhom mhux biss kompetenza professjonali izda wkoll integrita.*

*"18. Il-fatt, imbaghad, illi l-ghazla tal-arbitru, meta l-partijiet ma jiftehmux dwar il-hatra, ssir mic-Chairman tac-Centru huwa mahsub biex l-ghazla ssir minn bniedem indipendenti mill-partijiet, u biex parti ma jkollhiex voce in capitolo aktar mill-ohra fil-ghazla. Tassew illi c-Chairman jinhatar mill-ministru, u ghalhekk jista' b'xi mod jitqies, fi kliem l-ewwel qorti, li 'ftit jew wisq hu taht il-kontroll tal-Ministru tal-Gustizzja'; dan jista' jkollu relevanza meta l-gvern esekuttiv ikun parti fit-tilwima, li ma huwiex il-kaz fit-tilwima li ghandu l-attur u rarament ikun il-kaz fil-klassi tal-tilwimiet milquta bil-kawza tallum.* (Hawn ghandu jinghad li l-kawza tallum tikkoncerna proprju awtorita` governattiva u ghalhekk dak l-osservazzjoni li nsibu fis-sentenza ta' Muscat ghandu certament relevanza ghal kaz odjern.) *Ghalhekk id-disposizzjoni tal-art. 4(4) tal-Kap 387, li trid illi c-Chairman u l-membri l-ohra tal-bord "m'ghandhomx*

*ikunu suggetti ghad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita' ohra", ghandha taghti garanzija bizzejjed ta' indipendenza fil-hatra tal-arbitru mic-chairman tac-Centru.*

*"19. L-ewwel qorti osservat ukoll illi arbitru ma ghandux security of tenure, kemm ghax jekk jinhatarx f'kazijiet partikolari jiddipendi fuq l-"ghazla soggettiva" tac-Centru, u "jista' ma jintghazel qatt aktar biex iservi ta' arbitru jekk ma jinghogobx" u kemm ukoll ghax jista' jitnehha mill-grupp ta' arbitri "f'kull zmien".*

*"20. It-tnehhija ta' arbitru minn grupp ta' arbitri – b'mod li ghalhekk ma jkunx jista' aktar jinhatar bhala arbitru, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet – hija decizjoni amministrattiva li hija soggetta ghal stharrig minn qorti. Jekk arbitru jitnehha minn grupp ta' arbitri "ghax ma nghogobx", ghax decizjoni tieghu f'kaz partikolari urtat lic-Centru, dan ikun "ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti", u ghaldaqstant jista' jithassar ghax abbuz tas-setgha tac-Centru, kif ighid u jrid l-art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. It-tehdida ta' tnehhija ghal ragunijiet mhux xierqa ma hija ghalhekk tehdida xejn, ghax hemm harsien gudizzjarju kontra ghemil bhal dak.*

*"21. Huwa minnu illi, ukoll jekk ma jitnehhix mill-grupp ta' arbitri, arbitru jista' ma jintghazilx biex jinhatar f'kazijiet partikolari. Dan, fil-fehma tal-ewwel Qorti, jaghti lill-arbitru incentiv biex "jintghogob" billi jaghti decizjonijiet li joghgobu lic-Centru biex hekk jerga jinhatar darba ohra. Bl-istess argument, nistghu nghidu illi mhallef tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li wasal biex jispicca z-zmien tal-hatra tieghu ma jibqax indipendenti ghax ikollu incentiv li joghgob lill-gvern ta' pajjizu fid-decizjonijiet jew argumenti deliberattivi tieghu sabiex dan jerga' jipproponih ghal hatra ohra? Jew li Mhallef jew Magistrat tal-qrati taghna li jkun ser jispicca mill-kariga bl-eta` ma jibqax indipendenti ghax il-gvern esekuttiv jista', wara li jirtira, jahtru f'xi funzjoni jew kariga ohra?*

*"22. Dan, b'tigbid konsiderevoli tal-argument, jista' ikun il-kaz jekk it-tilwima tkun dwar habta ma' vettura tac-*

*Centru, jew mal-vettura privata tac-Chairman jew ta' xi membru tal-Bord. F'kazijiet ohra, izda, huwa ragonevoli li tibza' jew tahseb illi l-meritu ta' decizjoni dwar habta bejn zewg vetturi jista' joghgob jew ma joghgobx lic-Centru? F'dan il-kuntest, aktar tista' tkun ta' thassib is-sitwazzjoni ta' mhallef tal-Qorti Ewropea fuq imsemmija li wasal biex jispicca z-zmien tal-hatra tieghu u li jittama li jera' jinhatar milli s-sitwazzjoni ta' arbitru li jittama li jerga' jinhatar fuq kaz iehor!* (Hawn terga' ssir riferenza ghal dak li ntqal fuq dwar il-fatt li l-Gvern, fil-kaz prezenti, huwa parti.)

*"23. Barra minn hekk, jekk arbitru ma jinhatarx mic-Centru fuq kazijiet partikolari, jista' dejjem jinhatar mill-partijiet bi qbil.*

*"24. Hemm ukoll il-kwistjoni tas-setgha ta' dixxiplina li ghandu c-Centru li bis-sahha taghhom jista' wkoll jindahal fit-tmexxija ta' kazijiet partikolari u jista' wkoll inehhi lill-arbitru mhux biss mill-grupp ta' arbitri izda wkoll minn arbitragg partikolari.*

*"25 Is-setgha ta' indhil fit-tmexxija ta' arbitragg jolqot "l-procedimenti" u mhux il-mertu. Barra minn hekk, ic-Centru jista' jinqeda b'dawn is-setghat biss fil-kazijiet imsemmija fil-ligi <u>li huma mahsuba biex isahhu l-efficjenza u l-korrettezza tal-proceduri u mhux biex idghajfu l-indipendenza tal-arbitru.</u> Ukoll, kull decizjoni tac-Centru tkun ghemil amministrattiv soggett ghal stharrig mill-qorti taht l-art. 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u ghalhekk hemm harsien gudizzjarju kontra kull abbuz ta' dawn is-setghat.*

*"26. Fuq il-kriterju ta' proporzjonalita` jew bilanc bejn, min-naha l-wahda, l-ghan legittimu tal-beneficcju li l-istitut tal-arbitragg obbligatorju jaghti lill-organizzazzjoni gudizzjarja ta' pajjiz u, min-naha l-ohra, il-biza' mgebbed u ipotetiku msemmi fil-paragrafi ta' qabel dan, u fid-dawl tal-klassi ta' tilwimiet soggetti ghal arbitragg obbligatorju, fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx tehdida attwali, vera u realistika lill-indipendenza tat-tribunal ta' arbitragg fil-kaz konkret tal-appellat Muscat."*

B'digriet tas-16 ta' Gunju, 2011 il-kontendenti nghataw il-fakolta` li jaghmlu l-kummenti taghhom dwar is-sentenza li siltiet minnha gew hawn fuq riprodotti. Is-socjeta` appellata pprezentat in-nota taghha fit-8 ta' Gunju, 2011 filwaqt li l-Avukat Generali pprezenta il-kummenti tieghu fit-28 ta' Lulju, 2011.

Fin-Nota taghha s-socjeta` appellata tosserva li din il-Qorti fis-sentenza msemmija "*tippretendi li l-arbitragg ghandu xorta wahda jkun fih harsien shih tad-dritt ghal smigh xieraq*" b'dana kollu dik is-sentenza "*tghaddi biex taccetta sistema fejn ma hemmx security of tenure u arbitru jigi appuntat fid-diskrezzjoni tac-Centru ghal kaz individwali, fejn arbitru jigi dixxiplinat mic-Centru stess li jaghmel il-politika tac-Centru u anke jistabilixxi l-principji tal-arbitragg. Inoltre dak l-istess arbitru jista' jigi mkecci fil-kors ta' arbitragg mic-Centru u l-arbitru jista' jigi mwissi mic-Centru fil-mori ta' proceduri, u dan indipendentement minn jekk il-partijiet ikunux resqu ilment u sahansitra minghajr il-kunsens tal-partijiet.*"

Is-socjeta` appellata imbaghad tikkritika l-hsieb ta' din il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija billi:

a) ghal dak li jinghad fil-paragrafu 18 (supra) gie rilevat li l-kaz odjern jikkoncerna korporazzjoni tal-istat u individwu w konsegwentement dak li jinghad fl-istess paragrafu japplika. Biss gie rilevat ukoll li l-indipendenza tat-tribunal trid mhux biss tezisti fir-realta` izda triq tkun indipendenza li tidher.

*b)* bit-temporanejita` tal-hatra tac-Chairman; bil-fatt li r-riappunt u s-salarju tieghu huma suggetti ghad-diskrezzjoni tal-Ministru; bil-fatt li l-membri tal-Bord tal-Gvernaturi huma suggetti ghad-diskrezzjoni tal-Ministru; tittappan l-indipendenza tal-arbitru.

*c)* Ir-rimedju ta' stharrig amminstrattiv ta' decizjoni tac-Centru li jnehhi arbitru ma tiggova bl-ebda mod lill-persuna privata billi tali proceduri jistghu biss jigu mresqa mill-istess arbitru filwaqt li l-arbitragg jitkompla quddiem arbitru iehor.

*d)* Kuntrarjament ghal dak li sostniet din il-Qorti fis-sentenza msemmija d-dritt ta' smigh xieraq li ghandu jigi salvagwardat, huwa dritt procedurali "*u cioe` li jassigura li l-procedimenti li jiddeterminaw drittijiet u obbligi civili jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.*" Infatti fis-sentenza Frendo Randon et vs Kummissarju tal-Artijiet (10 ta' Lulju, 2009) jinghad hekk: "*Hi gurisprudenza pacifika tal-Qorti Ewropea li l-Artikolu 6(1) mhux biss jikkontjeni <u>garanziji procedurali</u> fir-rigward tal-procedura gudizjarji, izda wkoll jiggarantixxi <u>id-dritt</u> ghal tali proceduri gudizzjarji…..*" (Golder vs The United Kingdom 21/2/75). Ghalhekk il-kumment li "*Is-setghat ta' indhil fit-tmexxija ta' arbitragg jolqtu "l-procedimenti" u mhux il-meritu*" huwa barra minn loku.

Din il-Qorti, wara li qrat bir-reqqa l-atti kollha ta' din il-kawza u dawk fil-kawza ta' Joseph Muscat, u wara li hasbet fit-tul dwar l-ilmenti mressqa mis-socjeta` appellata fil-kuntest tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tal-fehma li ghandha tabbraccja s-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellata u taghmilhom taghha u b'hekk tikkonkludi li arbitragg forzat ma joffri ebda garanziji ghall-indipendenza tal-arbitru.

Dan qed jinghad ukoll fil-kuntest tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fl-10 ta' Lulju, 2009 fil-kawza fl-ismijiet "**L-Avukat Dr Rene Frendo Rando et v. Il-Kummissarju tal-Art et**" billi jidher li ftit zmien qabel ma giet pronunzjata s-sentenza fil-kaz ta' Joseph Muscat (Rikors numru 41/2008), l-istess Qorti Kostituzzjonali harset lejn aspetti ta' indipendenza tal-gudikant b'mod kompletament differenti.

Fil-kawza ta' Dr Rene Frendo Rando et hawn fuq imsemmija wahda mill-aggravji li tpoggew ghall-konsiderazzjoni ta' dik il-Qorti kienet proprju n-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita` tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet, b'mod partikolari l-membri teknici tal-Bord … liema membri, skont ir-rikorrenti appellanti, ma jgawdux <u>is-sigurta` tal-ufficcju taghhom, billi dawn jigu nominati mill-awtoritajiet kompetenti, u jistghu facilment jitnehhew mill-istess awtoritajiet jew l-inkarigu taghhom ma jigix</u>

konfermat. Din is-sitwazzjoni tixbah hafna dik tal-arbitri mahtura in forza tal-Att Dwar l-Arbitragg.

Fis-sentenza msemmija l-Qorti Kostituzzjonali tat riljev ghal dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Campbell and Fell v. United Kingdom** li "*In determining whether a body can be considered to be "independent" notably of the executive and of the parties to the case – the court has regard to the manner of the appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of gurantees against outside pressure and the question whether the body presents an appearance of independence."* Dan premess il-Qorti, kif dakinhar komposta, waslet biex akkoljiet l-ilment sollevat mir-rikorrenti u cioe` dak koncernanti n-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita` tal-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet, u dan *"b'mod partikolari l-membri teknici tal-Bord …. liema membri ma jgawdux is-sigurta` tal-ufficcju taghhom, billi dawn jigi nominati mill-awtoritajiet kompetenti u jistghu facilment jitnehhew mill-istess awtoritajiet, jew l-inkarigu taghhom ma jigix konfermat."*

Wara li dik il-Qorti ghamlet rassenja tad-diversi cirkostanzi li, fil-fehma ta' din il-Qorti, huma simili hafna ghal dawk rizultanti fil-kaz odjern fejn ma hemmx "security of tenure", fejn l-arbitru jigi mahtur mic-Chairman, fejn il-parti interessata jista' jkun il-Gvern u affarijiet ohra, dik il-Qorti kkonkludiet hekk: "*77. Fil-fehma ta' din il-Qorti …. fid-dawl tal-fatt li l-membri teknici jigu appuntati mill-Ezekuttiv biex jaghtu opinjoni, li tista` f'certi sitwazzjonijiet tekwivali ghal decizjoni, f'kazi fejn il-Gvern ghandu interess finanzjarju dirett, ma jistax jinghad li l-Kap 88 jaghti garanziji sufficjenti biex dawn il-membri teknici ma jkollhomx pressjonijiet esterni, partikolarment mill-Ezekuttiv, u lanqas jista' jinghad li dawn ic-cirkostanzi kollha konnessi mal-hatra taghhom fit-totalita` taghhom jaghtu impressjoni oggettiva li dawn il-membri teknici huma verament indipendenti."* Dan kollu japplika, *mutatis mutandis*, ghall-kaz odjern.

Darba stabillita n-nuqqas ta' indipendenza tal-arbitri li twassal biex l-appell jigi michud u s-sentenza appellata

kkonfermata jkun zejjed li din il-Qorti tezamina l-element ta’ imparzjalita` kif ukoll l-impatt li jista’ jkollhom l-ilment dwar in-nuqqas ta’ access ghal qrati ordinarji u l-limitazzjoni tad-dritt ta’ appell fuq punti ta’ ligi biss u dan apparti l-fatt li bl-Att 10 tal-2010 l-appell gie estiz ukoll ghall-punti ta’ fatt.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-intimati qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-appellanti, b’dana li tordna li kopja ta’ din id-decizjoni tintbghat lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------